**7 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Youth Hostels Limited

*versus*

Alfred Bugeja *et*

**Danni - Sentenza - Parti - Nuqqas ta' Parti li Ġġib il-Provi**

*L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża meta parti naqset milli tagħti x-xhieda tagħha. Il-Qorti ta' l-Appell ma ddisturbatx dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' April, 1997 liema sentenza taqra kif ġej:

"*Il-Qorti:-*

Rat l-avviż ippreżentat mid-ditta attriċi fil-31 ta' Ottubru, 1996, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jħallsuha għall-ħsarat lilha kkawżati fit-23 ta' Lulju, 1994, meta l-konvenuti għamlu l-ħsarat fil-bieb prinċipali tal-Maltese Cross Guest House li *tinsab*, 17, Triq Sant'Antnin, *Buġibba, liema* danni jammontaw għal Lm200 oltre l-imgħax legali mit-23 ta' Lulju, 1994. Bl-ispejjeż, *komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-*27 ta' Frar, 1996 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Bugeja fejn eċċepixxa illi huwa mhux responsabbli għal kwalunkwe danni fil-konfront tas-soċjetà attriċi;

Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Borg direttur tas-soċjetà attriċi;

Billi l-konvenuti ma dehrux biex jagħtu x-xhieda tagħhom u billi s-soċjetà attriċi għandha raġun, tilqa' t-talba u *tikkundanna lill-konvenuti li jħallsu d-ditta* attriċi s-somma ta' Lm200 oltre l-imgħax legali mit-23 ta' Lulju, 1994 ikkaġunati mill-konvenuti lid-ditta attriċi, meta għamlu ħsara fil-bieb prinċipali tal-Maltese Cross Guest House, ġo 17, Triq Sant'Antnin, Buġibba, fit-23 ta' Lulju, 1994;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti Alfred Bugeja u Shaun Bugeja li talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-

sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-ditta attriċi appellata;

*Għal dan l-appell saret risposta fit-23 ta' Mejju, 1997;*

Essenzjalment l-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi huwa jsostni illi dakinhar tal-21 ta' April, 1997 meta nstemgħet il-kawża fil-Prim'Istanza huwa (Alfred Bugeja) ma attendix il-Qorti peress li inqalagħlu nċident u li minħabba f'hekk ma kienx ġust *illi l-Ewwel Qorti tirrifjuta t-talba tiegħu magħmula* permezz ta' rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u tibqa' għaddejja bl-għoti tas-sentenza kontrih;

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi dakinhar tas-smigħ tal-kawża u ċjoè fil-21 ta' April, 1997, mhux il-konvenut Alfred Bugeja biss ma deherx imma lanqas il-konvenut l-ieħor Shaun Bugeja, minkejja li dan ma jirriżultax li kellu xi raġuni partikolari li kienet tiġġustifikah milli jidher. Dana qed jingħad fis-sens li jekk wieħed kellu jikkonċedi li Alfred Bugeja li kien ġustifikat ma jidhirx dakinhar tas-smigħ tal-kawża fil-21 ta' April, 1997, l-istess ma jistax jingħad rigward il-konvenut l-ieħor li ukoll ma deherx. Dana apparti l-fatt li jidher li lanqas id-difensur tagħhom f'dik l-istanza ma deher dakinhar tat-trattazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħoss għalhekk li mhuwiex indikat illi jiġi ddisturbat dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti kemm meta ċaħdet *it-talba għas-sospensjoni tal-*prolazzjoni tas-sentenza kif ukoll meta ddeċidiet kif iddeċidiet il-meritu tal-kawża bis-sentenza appellata li fil-fehma ta' din il-*Qorti timmerita konferma kif inhi;*

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.